Kunsill Lokali L-Iklin

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 18 – IT-TNEJN, 4 TA' MEJJU 2020**

Minħabba l-kriżi COVID-19, il-Kunsill ma ltaqax fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u saret b'mod remot (online meeting). Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**18.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

18.1.1 Ma kienx hemm.

**18.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

18.2.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (17) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

18.2.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 18.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

18.3.1 Ma kienx hemm.

## 18.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

18.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva appell rigward Tender ILC/T/2/19 dwar is-servizz ta' Contracts Manager. Għaldaqstant il-proċess kellu jiġi sospiż u l-każ se jkun qed jinstema quddiem il-Public Contracts Review Board (PCRB) bis-smiegħ tal-każ skedat għal nhar il-Ħamis 14 ta' Mejju 2020.

18.4.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li kien abbozza ittra dwar id-disinn li ħejja l-Perit għal Triq il-Wied biex tiġi ċċirkolata lir-residenti kollha ta' Triq il-Wied u t-toroq immedjati. Dan bil-ħsieb li l-Kunsill jikkonsulta mar-residenti li jirrisiedu fi Triq il-Wied biex jagħtuna l-*feedback* tagħhom dwar il-pjan tal-Kunsill għal Triq il-Wied. Ir-residenti jistgħu jibgħatu l-kummenti tagħhom sal-Ġimgħa 8 ta' Mejju. Ikkonkluda li l-Kunsill ser ikun qed jevalwa l-kummenti kollha li ser jirċievi l-Kunsill biex eventwalment ngħadduhom lil Infrastructure Malta.

18.4.3 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li peress li Festa Fjuri 2020 kellha tiġi kkanċellata minħabba l-epidemija COVID-19, xtaq li l-Kunsill jagħmel ġest ċkejken lill-komunità billi jitqassmu x-xitel f'kull dar fl-Iklin biex ngħollu l-moral tar-residenti f'dawn il-mumenti straordinarji. L-ideja ġiet milqugħa unanimament.

18.4.4 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras sellem il-memorja tas-Sur Joe Sant, negozjant li għandu l-istabbilimenti fl-Iklin li ħalla din id-dinja għal ħajja ta' dejjem. *Requiescat in pace*.

## 18.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

18.5.1 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq San Mikiel peress li m'hemmx sinjali mmarkati fit-triq bħala linja gwida.

Għaldaqstant qed jistaqsi jekk hux possibbli li l-Kunsill jorganizza *parking slots* fl-imsemmija triq bl-approvazzjoni tal-Awtorità biex il-parkeġġ ikun wieħed organizzat.

B'riżultat ta' dan, il-Kunsillier Zammit huwa infurmat li qed ikun hemm l-abbużi fil-mod ta' kif isir il-parkeġġ. Għaldaqstant il-Kunsillier Zammit qed jipproponi li l-Kunsill jagħmel talba formali lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

Wara diskussjoni, is-Sindku wieġeb li jeżistu numru ta' *issues* dwar immaniġġjar tat-traffiku u għalhekk jkun tajjeb li tittella item fuq l-agenda biex jiġu diskussi dawn il-materji u jsiru r-rakkomandazzjonijiet neċessarji.

## 18.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

18.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-10 u t-30 ta' April 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

18.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras irrelata dwar korrispondenza nru. 0806/20. Risposta għall-ittra li nkitbet mill-AKL dwar il-proġett Yousafe.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras spjega li l-Assoċjazzjoni ANSEK irribattiet għall-kummenti tal-President tal-AKL, is-Sur Mario Fava fejn dan tal-aħħar stqarr li l-maġġor parti tas-Segretarji Eżekuttivi, b'eċċezzjoni għal xi wħud, permezz ta' '*strike* sieket' għażlu li ma jieħdux responsabbiltà ta' dan il-proġett u saħansitra kien hemm uħud li rrifjutaw li jaħdmu duq din il-pjattaforma. ANSEK tat struzzjonijiet lis-Segretarji Eżekuttivi biex ma jibqgħux jaċċessaw din il-pjattaforma għall-fatt li l-Kumitat Eżekuttiv qies din l-ittra bħala insult u theddida fil-konfront tas-Segretarji Eżekuttivi.

Is-Sindku Dr. Sciberras faħħar kull inizjattiva li jieħu s-Segretarju Eżekuttiv u ċertament ma kienx qed jirriferi fil-każ tal-lokalità tagħna.

18.6.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 837/20. Talba għal sistema 'One Way Traffic' fi Triq Stefano Erardi bejn Triq il-Mużika u Triq Giovanni Curmi.

Il-Kunsillier Zammit ikkonferma li kien maqbul f'seduta preċedenti li kellha ssir konsultazzjoni mar-residenti taż-żona dwar tibdil propost fl-immaniġġjar tat-traffiku.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet ser tiġi ċċirkolata ittra propożittiva għall-kummenti u r-reazzjonijiet tar-residenti. Fil-frattemp, il-Kunsill antiċipa u għadda r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill lill-Awtorità regolatorja għall-evalwazzjoni ta' din l-applikazzjoni.

Is-Sindku Dr. Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill ser ikun qed jevalwa l-kummenti u r-reazzjonijiet tar-residenti fil-jiem u l-ġimgħat li ġejjin.

18.6.4 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 774/20. Żvilupp bin-numru tal-permess PA 8346/17. Talba mill-applikant għal rilaxx tal-garanzija bankarja.

Is-Segretarju Eżekuttiv semma li kienet saret spezzjoni fuq il-post minn rappreżentant tal-Kunsill biex ikun assigurat li *reinstatement* tal-bankina saret skont is-sengħa u l-arti.

**COMPLAINTS SHEET (10 April - 30 April 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 72 | 14/04/2020 | Ilment dwar il-Bring-in-sites ta' Triq in-Naxxar. Dan ir-resident qed jitlob biex jitneħħew minħabba l-miżbla li qed ikun hemm madwarhom. | pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 73 | 14/04/2020 | Zewg bozoz maqtughin fuq arblu fi Triq il-Prinjol. | pending | Triq il-Prinjol | **ENEMALTA** |
| 74 | 15/04/2020 | Problema ta' ġrieden ħerġin mid-drenaġġ fi Triq Ġeronimo Abos. | closed | Triq Geronimo Abos | **PUBLIC HEATH** |
| 75 | 16/04/2020 | Reminder - Kaptell imkisser fi Triq LF Mizzi. | pending | Triq L.F. Mizzi | **GO** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 76 | 16/04/2020 | Hemm bozza maqtugħa mar-residenza nru. 20, Qrolla, Triq PA Cuschieri. | pending | Triq PA Cuschieri | **MICA MED** |
| 77 | 17/04/2020 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu quddiem ir-residenza 'Eden lodge' fi Triq il-Wied. | settled | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 78 | 17/04/2020 | Hemm skart u boroz fi Triq Tal-Għaqba. | settled | Triq tal-Għaqba | **CONTRACTOR** |
| 79 | 18/04/2020 | Hemm bozza mitfija mall-ħajt ta' nru. 8, Triq Ġużè Galea | settled | 8 Triq Ġużè Galea | **MICA MED** |
| 80 | 20/04/2020 | Talba biex isir patch works quddiem residenza nru. 82 fi Triq Karmenu Vassallo għax qed iżomm l-ilma. | pending | Triq Karmenu Vassallo | **COUNCIL** |
| 81 | 21/04/2020 | Rapport li hemm id-dawl ta' barra ta' Triq il-Ħwawar mhux jixgħel. | settled | Triq il-Hwawar | **ENEMALTA** |
| 82 | 21/04/2020 | Ilment dwar makkinarju li qed jgħaddu minn Triq il-Ħarruba u qed iwaqqgħu ħafna trab. It-triq maħmuġa u kollha trabijiet. | pending | Triq il-Harruba | **COUNCIL** |
| 83 | 21/04/2020 | Van partner SF12NPE ilu ipparkjat fl-istess parking wara l-knisja to check peress li pjanċa barranija. | settled | Pjazza Ninu Cremona | **TRANSPORT MALTA** |
| 84 | 23/04/2020 | Hemm id-dawl ta' Triq Giorgio Locano mhux jixgħel. | pending | Triq Giorgio Locano | **ENEMALTA** |
| 85 | 23/04/2020 | Hemm ħafna ħaxix mall-ħajt tal-iskejjel fi Triq Giorgio Locano. | settled | Triq Giorgio Locano | **CONTRACTOR** |
| 86 | 23/04/2020 | Ilment dwar storbju minn skavar kmieni fi Triq Anton Buttigieg. | closed | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 87 | 24/04/2020 | Ilment dwar il-Bring-in-sites ta' Triq in-Naxxar, talba biex jitneħħew minħabba l-miżbla li qed ikun hemm madwarhom. | pending | Triq Naxxar | **COUNCIL** |
| 88 | 24/04/2020 | Karozza fi Triq Giovanni Curmi qed tipparkja fil-motorcycle bay u qed tagħlaq parti minn garaxx | pending | Triq Giovanni Curmi | **POLICE** |
| 89 | 24/04/2020 | Karozza abandunata fi Triq San Mikiel | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 90 | 28/04/2020 | Ilment dwar il-Bring-in-sites ta' Triq in-Naxxar, talba biex jitneħħew minħabba l-miżbla li qed ikun hemm madwarhom. | pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 91 | 28/04/2020 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu fi Sqaq fi Triq Enrico Naudi | settled | sqaq fi Triq Enrico Naudi | **ENEMALTA** |
| 92 | 29/04/2020 | Ilment dwar il-Bring in sites ta' Triq in-Naxxar, talba biex jitneħħew minħabba l-miżbla li qed ikun hemm madwarhom. | pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 93 | 29/04/2020 | Ilment dwar il-Bring in sites ta' Triq in-Naxxar, talba biex jitneħħew minħabba l-miżbla li qed ikun hemm madwarhom. | pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 94 | 29/04/2020 | Ilment dwar il-Bring in sites ta' Triq in-Naxxar, talba biex jitneħħew minħabba l-miżbla li qed ikun hemm madwarhom. | pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 95 | 29/04/2020 | Ilment dwar tappieri tal-plastic miksurin fuq il-bankina fi Triq Giovanni Curmi. | settled | Triq Giovanni Curmi | **COUNCIL** |

## 18.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

18.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

18.7.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

18.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

18.7.4 Imbagħad il-Kunsill ressaq kwotazzjoni għall-awtorizazzjoni ta' xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

a) Kwotazzjoni għal xiri ta' *laptop* Asus 15.6 inches i7/8GB/512GB w10H mingħand il-fornitur Klikks għall-prezz ta' Eur979 VAT inkluż;

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li peress li fil-preżent hemm domanda qawwija għax-xiri ta' laptops minħabba l-faċilità tat-*telework*, jista jkun li sa mal-Kunsill jiġi biex jipprepara l-*Purchase Order*, jista jagħti l-każ li l-prodott ikun *out of stock*. Matul din il-pandemija, numru ta' Uffiċini għażlu li japplikaw għat-telework li huwa pass importanti li bl-evoluzzjoni tat-teknoloġija tal-informatika, ċertu tip ta' xogħol li s-soltu jsir fil-proprjetà tal-prinċipal, issa jista jitwettaq lil hinn mit-tali proprjetà.

Kien deċiż b'mod unanimu li jekk jiġri hekk, il-fornitur jikkonferma dan bil-miktub li l-prodott huwa *out of stock* u l-Kunsill imur fuq it-tieni l-orħos. Il-Kunsill approva *nem con*.

## 18 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

18.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

18.8.2 Applikazzjoni PA 02799/20 - Triq il-Klin, L-Iklin – 'To carry out alterations and additions to approved residential dwelling in RG 03522/18, including the incorporation of a lift and staircase. To construct a 2-bedroom apartment at second floor and 3-bedroom duplex apartment at third and receding floor.

18.8.3 Applikazzjoni PA 03065/20 - 37 Triq Anton Buttigieg L-Iklin 'Proposed extension of front garden including a car port to an existing terraced house'.

18.8.4 Applikazzjoni PA 02683/20 – 'To sanction infill material already put on site. The proposal include also to infill part of site to the required level and cover with existing soil and the construction of a sheep farm'.

## 18.9 MOZZJONI RIGWARD IL-PJAZZA IL-PROĠETT TAL-PJAZZA TAL-IKLIN

18.9.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippreżenta mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo dwar il-proġett tal-pjazza.

18.9.2 Is-Sindku Dr. Sciberras qara l-mozzjoni nru. IX-18-01 għall-attenzjoni sħiħa tal-membri fejn kienet tgħid hekk:

- *Illi l-Kunsill Lokali Iklin jipposjedi b'titolu ta' Devoluzzjoni mill-Gvern Ċentrali, biċċa art sitwata fi Pjazza Ninu Cremona, preċiżament fis-sit li maż-żmien saret magħrufa bħala l-Pjazza Prinċipali tal-Iklin, u dan proprju għaliex hija l-pjazza biswit il-knisja tal-lokalità;*

- *Illi l-Kunsill Lokali Iklin kien ħejja proġett għal din id-devoluzzjoni, liema proġett jinvolvi l-ħolqien ta' Ċentru Ċiviku li kellu jinkludi fost servizzi oħra, l-uffiċċju amministrattiv tal-istess Kunsill;*

- *Illi dan il-proġett qatt ma ġie fis-seħħ, minkejja kull sforz li għamel il-Kunsill minkejja diversi fatturi, fosthom reżistenza minn xi wħud mir-residenti li jirrisjedu mal-madwar, issues dwar il-height limitations mal-Awtorità tal-Ippjanar u nuqqas ta' interess da parti tal-politiċi u l-awtoritajiet rispettivi li kellhom jieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa sabiex dan il-proġett ikun jista' jsir- u dan minkejja li l-Kunsill ħadem kemm felaħ sabiex imexxi 'l quddiem dan il-proġett;*

- *Illi mal-bidla fl-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali Iklin fl-2019, l-amministrazzjoni l-ġdida iddiskutiet diversi drabi dan il-proġett, fosthom meta ġie diskuss il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill fis-seduti tal-14 ta' Jannar 2020; 28 ta' Jannar 2020 u 17 ta' Frar 2020 u din l-ammistrazzjoni ħasset illi għandha tingħata importanza lejn l-ispazji pubbliċi miftuħa liema pjazza inċidentalment tifforma waħda mill-ftit spazji pubbliċi eżistenti fil-lokal;*

  *Għaldaqstant qiegħed inressaq din il-mozzjoni quddiem il-Kunsill sabiex permezz ta' vot, il-Kunsill Lokali L-Iklin jieħu deċiżjoni sabiex jinbidlu l-pjanijiet eżistenti għall-pjazza minn bini ta' Ċentru Ċiviku għal riġenerazzjoni tal-istess pjazza b'enfasi partikolari fuq Spazju Pubbliku miftuħ li jkun jista' jiġi gawdut mir-resident, preferibbilment b'inqas tniġġiż mill-vetturi u bl-inklużjoni ta' siġar u pjanti.*

18.9.2 Wara diskussjoni, is-Sindku Dr. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

18.9.3 Il-Kunsillier Bernice Farrugia talbet kjarifika dwar il-mozzjoni fejn staqsiet jekk l-ispazju eżistenti hux ser jibqa spazju miftuħ kif inhu llum.

18.9.4 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras reġa spjega l-mozzjoni u qal li l-kontenut ta' din il-mozzjoni huwa wieħed ċar u tispjega kif il-Kunsill qed jitlob reviżjoni tal-pjanijiet eżistenti biex dan l-ispazju jibqa spazju miftuħ għat-tgawdija tal-pubbliku.

18.9.5 Imbagħad is-Sindku Dr. Sciberras talab biex jittieħed vot fuq din il-mozzjoni.

18.9.6 Il-mozzjoni bin-numru IX-18-01 għaddiet *nem con*.

## 18.10 PREZENTAZZJONI TA' *CONDITION REPORT* MILL-PERIT DWAR L-ISTAT TAL-BANKINI FI TRIQ IN-NAXXAR

18.10.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta r-rapport għall-attenzjoni tal-Kunsillieri. Dan ir-rapport kien intbagħat lill-Kunsillieri b'mod elettroniku.

18.10.2 Is-Sindku Dr. Sciberras fakkar li l-Kunsill kien irċieva komunikat mingħand il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u għalhekk kellu jiġi kkummissjonat il-Perit tal-Kunsill biex jispezzjona u jħejji rapport dwar l-istat tal-bankini ta' din iż-żona.

18.10.3 Is-Sindku Dr. Sciberras qal li huwa evidenti minn dan ir-rapport li hemm partijiet sostanzjali tal-bankini huma difettużi u mhumiex skont l-*istandards* u konformi ma' *Road Works Design and Construction.*

18.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka jekk f'dan l-istadju l-Kunsill kienx ser jitlob sabiex tiġi ppreparata stima tax-xogħlijiet biex meta jiġi rivedut il-Pjan ta' Ħidma, il-Kunsill jara jkunx f'pożizzjoni finanzjarja tajba biex jippjana u jwettaq xogħlijiet infrastrutturali.

18.10.5 Is-Sindku Dr. Sciberras qal li kien importanti li l-Kunsill ikollu stima tax-xogħlijiet biex ikun jaf x'ser tkun l-ispiża u eventwalment ikun jista jissettja l-prijoritajiet.

18.10.6 Fl-aħħarnett, kien deċiż li ssir talba lill-Perit biex iħejji stima għax-xogħljiet ta' tibdil ta' bankini bil-materjali tal-*concrete*.

**(Ara dok. E)**

18.02p.m. Il-Kunsillier Bernice Farrugia talbet sabiex tiġi skużata mill-kumplament tas-seduta minħabba mpenji oħra ta' xogħol.

**18.11 BRING-IN-SITES TA' TRIQ IN-NAXXAR U L-KAMPANJA EDUKATTIVA DWAR L-INDAFA PUBBLIKA**

18.11.1 Is-Sindku Dr. Sciberras fetaħ diskussjoni dwar is-sitwazzjoni tal-bring-in-sites li hemm fis-*service road* ta' Triq in-Naxxar. Fakkar kif ftit tax-xhur ilu, proprju fil-bidu ta' leġiżlatura ġdida, il-Kunsill kien kuraġġuż u ħa deċiżjoni biex elimina numru ta' kontenituri mis-*service road* ta' Triq Dun Karm wara li din iż-żona kienet saret miżbla.

18.11.2 Is-Sindku Dr. Sciberras semma l-ilmenti li kien qed jirċievi l-Kunsill dwar l-imsemmija bring-in-sites fejn mill-ispezzjonijiet li saru matul dawn l-aħħar ġimgħat, is-sitwazzjoni aggravat u b'dispjaċir jgħid li qed ikun hemm miżbla oħra.

18.11.3 Is-Sindku Dr. Sciberras fakkar li l-Kunsill kien xhur ilu innegozja ftehim mal-iskema awtorizzata GreenMT biex tiżdied ġabra oħra tal-ħġieġ kull tielet ġimgħa tax-xhar. B'hekk ir-resident ikun moqdi aħjar fejn l-iskart riċiklabbli jkun qed jinġabar minn wara l-bieb tad-dar tiegħu. Mill-informazzjoni li kiseb l-Uffiċċju, jidher li l-Avviż Legali bl-ammendi fl-iskedaġie ffinalizzat u ser tidħol fis-seħħ fil-ġimgħat li ġejjin. B'hekk il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jintroduċi servizz addizzjonali biex jissostitwixxi l-istess kontenituri.

18.11.4 Is-Sindku Dr. Sciberras semma wkoll li l-Kunsill kien iddeċieda li jibqa jagħmel monitoraġġ tal-bring-in-sites li hemm fis-*service road* qabel ma jasal jieħu pożizzjoni dwar it-tieni sett ta' kontenituri.

18.11.5 Il-Kunsillier Godwin Zammit esprima l-fehma tiegħu fejn qal li huwa ma jaqbilx li mall-ħażin għandu jeħel it-

tajjeb u reġa semma l-istallazzjoni ta' CCTV bħala soluzzjoni.

18.11.6 Is-Sindku Dr. Sciberras ma jemminx li CCTV cameras huma s-soluzzjoni għaliex apparti l-implikazzjonijiet li jeżistu fl-operat, wieħed irid jikkunsidra wkoll l-aspett finanzjarju biex tinvesti f'sistema tajba.

Is-Sindku ikkummenta wkoll dwar il-fatt li meta jkollok riżorsi limitati, u sintendi hemm il-fattur tal-ħin, *it's time consuming* biex toqgħod tara l-filmati fuq bażi regolari, l-*issue* tal-*face recognition*, rapporti mall-pulizija jew mal-Aġenizja LESA, u meta wieħed iqis dawn l-implikazzjonijiet kollha, ma jarax soluzzjoni oħra għajr li jitneħħew dawn il-kontenituri.

18.11.7 Wara diskussjoni, is-Sindku Dr. Dorian Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

18.11.7 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex il-kontenituri li hemm fi Triq in-Naxxar jitneħħew la darba l-Kunsill qed jipprovdi servizz eċċellenti lill-komunità.

18.11.8 Il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

18.11.9 Il-Kunsillier Emanuel Zammit ressaq suġġeriment biex il-Kunsill joħroġ avviż informattiv bl-iskeda tal-ġbir tal-iskart domestiku, organiku u dak riċikklabbli u terġa titqassam lill-komunità biex inwasslu messaġġ edukattiv.

18.11.10 Fil-fatt, is-Sindku Dr. Sciberras jaqbel perfettament mall-Kunsillier Zammit u qal li kien qed jippjana sabiex il-Kunsill joħroġ tliet avviżi b'messaġġ favur l-ambjent.

## 18.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

18.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju 2020 fil-5.30 pm.

18.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-

seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju 2020 fil-5.30 pm.

18.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.30 pm.

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| --- | --- |
| ______________________ | ______________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |